# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-34 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

34.01 **Talba**

34.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

34.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

34.02.01 Is-S.E. nforma li kien ma kienx hemm apoloġiji.

34.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa nru 33**

34.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 33 ġew approvati unanimament wara emenda mressqa mill-Viċi-Sindku rigward *item* 33.10.01 . Is-Sindku ippropona u l-Kunsillier Dingli issekonda.

34.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

34.04.01 Is-Sindku irrimarka li Jum l-Imqabba 2021 kien organizzat b'suċċess wara li s-sena li għaddiet dan il-jum importanti ma setax jiġi ċċelebrat kif jixraq minħabba ċ-ċirkostanzi li l-pajjiż kien għaddej minnhom.

34.04.02 Is-Sindku spjega li wara li ma kienx hemm żviluppi pożittivi min naħa tal-*Contracts Manager*, kienet inħarġet *Default Notice* lill-istess *Contracts Manager* peress li l-Kunsill iħoss li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt mhux qed jiġu osservati. Huwa qal li l-ħaddiema tal-Kunsill qed jintbagħatu sabiex jikinsu postijiet partikolari sabiex jikkumplimentaw is-servizz mogħti mill-kennies taħt il-kuntratt.

34.04.03 Is-Sindku spjega li aktar kmieni llum kellu laqgħa mas-CEO ta' IM fejn dan wiegħed li IM kienet ser tħallas għall-bankina l-ġdida fi Triq Karmenu Ciantar. Waqt diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li fejn huwa possibbli, quddiem il-garaxxijiet issir biss *drop-kerb* u l-bankina ma tiġix maqluba. Waqt id-

diskussjoni ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jmur għall-fanali l-ġodda ta' bi tnejn però għandna nikkonfermaw li dawn jibqgħu *in-stock* għal numru ta' snin minħabba xi ħsarat li jistgħu jinqalgħu. Ġie deċiż ukoll li għandna niċċekkjaw mal-kuntrattur xi spejjeż ikun hemm sabiex isir ix-xogħol preparatorju.

34.04.04 Rigward Triq George Martin, is-Sindku spjega li l-ewwel saff asfalt kien ingħata aktar kmieni din il-ġimgħa u t-tieni saff għandu jingħata fil-ġranet li ġejjin sabiex anke din it-triq titlesta. Rigward il-ħsara li ġarrab il-Ħajt tal-Matla, s-Sindku spjega li konna ktibna uffiċċjalment lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fejn ninsabu nfurmati li jinsab għaddej studju sabiex dan jerġa jinbena. Is-Sindku qal li talab l-intervent tas-Sur Kenneth Cauchi, resident Imqabbi u uffiċċjal tas-Sovrintendenza.

34.04.05 Is-Sindku spjega li x-xogħol fit-Triq tal-Isqof miexi kif ippjanat u għandu jitlesta fil-ġimghat li ġejjin.

34.04.06 Is-Sindku ikkonferma li Sqaq Buħar ser isir bil-konkos minn IM fil-futur qarib.

34.04.07 Rigward Triq Valletta s-Sindku spjega li fl-aħħar ġranet kienu tħawwlu madwar 100 siġra oħra u ser titħawwel bouganvilla sabiex tixxeblek mal-*fence* li sar. Huwa qal li qed isir ukoll ix-xogħol fuq id-dawl li ser ikun fl-art.

34.04.08 Is-Sindku spjega li l-bieraħ beda x-xogħol fuq l-irranġar tal-pavimentar tal-Pjazza u dan suppost li għandu jitlesta sa nhar il-Ħadd li ġej.

34.04.09 Is-Sindku nforma li aktar kmieni din il-ġimgħa kellu laqgħa mas-Sur Maurice Aquilina, resident Imqabbi u sid ta' kumpanija tas-*software* li offra li jagħmel App għall-Kunsill bħala *Pilot Project* u li din l-istess App ma ser tiġi tiswa xejn lill-Kunsill, lanqas *running costs*. Il-Kunsill aċċetta din l-offerta u kien hemm qbil li ssir laqgħa mas-Sur Aquilina sabiex jiġi deċiż x'ser ikun inkluż f'din l-App.

34.04.10 Is-Sindku issuġġerixxa li rigward il-festi tal-Milied, bħas-sena l-oħra Kunsill għandu jagħmel id-dawra b'Santa Klaws fl-islitta ipprovduta minn Leon Promotions. Id-data idejali għandha tkun 22 jew 23 ta' Diċembru mill-5.30 pm il-quddiem.

34.04.11 Is-Sindku ippreżenta d-disinn tal-ġnien propost għal fuq il-ġibjun fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Dan id-disinn ma tantx intlaqa tajjeb mill-Kunsillieri. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li l-Kunsill għandu jġib *quotations* mingħand *designers* sabiex jiddisinjaw dan il-ġnien u wara l-perit tal-Kunsill tieħu ħsieb li jsiru l-applikazzjonijiet neċessarji etc sabiex eventwalment isir. Kien hemm qbil li fil-futur il-Kunsill jiddeċiedi jekk fuq il-monument li jfakkar il-vittmi tan-nar għandux ikun hemm l-ismijiet ta' dawk kollha li mietu bin-nar (li jinġiebu wara li ssir riċerka apposta) jew inkella jkunx wieħed ġenerali.

34.04.12 Is-Sindku spjega li l-uffiċjali tal-LESA li jkunu ħdejn l-iskola irrimarkaw dwar il-konġestjoni li qed ikun hemm waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal. Fuq suġġeriment tal-

LESA u bi qbil mas-Surmast, ġie deċiż li jsiru 2 *bollards* fil-parti fejn tidjieq Triq Valletta in-naħa ta' Triq il-Fjuri, it-tabella li hemm qabel il-parti d-dejqa ta' Triq il-Fjuri tiġi biss *No Entry*, u t-tabella *No Entry* li hemm bħalissa int u ħiereġ minn Triq il-Fjuri lejn Triq il-Parroċċa tinbidel ma' waħda li tippermetti l-ħruġ waqt il-ħinijiet tal-iskola. Kien hemm qbil ukoll li tintbagħat ittra lill-ġenituri tat-tfal li jattendu l-iskola iffirmata mis-Sindku u s-Surmast, sabiex jiġi spjegat dan l-arranġament. Il-Viċi-Sindku irrimarkat li huwa mportanti li dan l-arranġament jaħdem anke mingħajr il-preżenża tal-uffiċċjali tal-LESA f'każ ta' bżonn.

34.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

34.05.01 Il-Viċi-Sindku irrimarkat dwar l-istat li tinsab fiha s-*sleeping policeman* ta' Triq Valletta. Is-S.E. informa li l-ħaddiema kienu marru fuq il-post u nfurmawh li minħabba l-istat ħażin li tinsab fiha, mhux possibbli li tissolva l-problema. Kien hemm qbil li din tinbidel ma' oħra ġdida kif ukoll issir oħra ġdida fi Triq Ħal Kirkop (bejn Triq il-Katakombi u Triq tal-Mentna).

34.05.02 Il-Viċi-Sindku irrimarkat li kien hemm xi nuqqasijiet fl-*iscript* ta' Jum l-Imqabba. Dwar dan kien hemm qbil u ġie deċiż li sena oħra l-*iscript* jiġi ppreparat qabel u jiġi ċċirkolat mal-Kunsillieri qabel is-serata.

34.05.03 Il-Viċi-Sindku talbet lis-S.E. sabiex jinġiebu l-*quotations* għar-rigali għat-tfal li ser jattendu l-festin tal-Milied. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

34.05.04 Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar l-*update* tal-lista tal-ilmenti u s-S.E. informa li kien qed jaħdem fuqha u li ser tintbagħat lista aġġornata fil-ġranet li ġejjin.

34.05.05 Il-Viċi-Sindku semmiet il-magħqad tal-ilma li qed ikun hemm fil-*bypass*. Hija talbet li niktbu lil IM ġaladarba l-proġett sar minn naħa tagħhom u nitolbuhom sabiex tinstab soluzzjoni. Dan għaliex anke min qed ikun fuq l-istejġ qed jispiċċa jiġi għasra.

34.05.06 Il-Kunsillier Dingli ressaq suġġeriment f'isem resident sabiex iż-żewġ *Service pillars* li hemm ħdejn il-kappella ta' Santa Katerina jingħalqu ġo kaxxa waħda tal-injam. Dan is-suġġeriment ma ġiex approvat peress li huwiex wieħed prattiku.

34.05.07 Il-Kunsillier Dingli ressaq suġġeriment f'isem xi residenti minn Triq Mikelanġ Sapiano sabiex il-bankina biswit il-ġnien tiċkien u s-*soft area* titneħħa sabiex ikunu jistgħu isiru iktar parkeġġi għall-vetturi. Il-Kunsill ħa nota ta' dan is-suġġeriment.

34.05.08 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *update* dwar il-Ġnien tal-Mentna u s-S.E. informa li fil-ġranet li ġejjin għandna nirċievu l-*quotations* sabiex titkabbar il-kamra kif issuġġerit u wara jinbeda x-xogħol fuq id-dawl mill-ħaddiem tal-Kunsill.

34.05.09 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li bħal ma sar is-sena l-oħra, għandha ssir kompetizzjoni fost it-tfal għall-isbaħ kartolina li imbagħad tintbagħat lir-residenti. Dwar dan kien hemm qbil u ġie deċiż li t-tema għal din is-sena tkun : Il-Milied

Tradizzjonali Malti. Fil-frattemp, għandhom jinġiebu l-*quotations* għall-istampar ta' din il-kartolina. Ġie deċiż ukoll li ssir kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata imżejna fl-okkażjoni tal-Milied u għal dan il-għan ser inkellmu lill-Ministeru responsabbli mill-Kultura għal xi għajnuna rigward il-ġurija.

34.05.10 Il-Kunsillier Dingli reġa' semma l-problema tal-*manhole* fi Triq Madonna tal-Ġilju li għadha ma tranġatx mill-WSC kif ukoll dwar l-istat li tinsab fih it-triq kollha. Ġie deċiż li ssir talba uffiċċjali lill-IM sabiex din it-triq tinbena mill-ġdid.

34.06.11 Il-Kunsillier Dingli semma li l-ħġieġ tas-saqaf tal-*Bus Shelter* biswit il-Kappella ta' Santa Katerina ma ġiex *sealed* kif suppost u s-S.E. informa li kien ser ikellem lill-kumpanija *Faces* sabiex isir dan ix-xogħol.

34.06.12 Il-Kunsillier Dingli talab sabiex isir tindif tal-*culvert* fi Triq Ħal Kirkop u ġie deċiż li dan isir mill-ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll li jerġgħu jitnaddfu l-*culverts* kollha li hawn fir-raħal.

34.06.13 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka b'sodisfazzjon li kienu weħlu numru ta' tabelli *No Parking* mal-*perimiter* tal-ajruport fejn qabel kien qed ikun hemm numru ta; *skips* mitluqa.

34.06.14 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar parti mill-asfalt li hemm bżonn jitranġa fit-tarf ta' Triq Valletta kantuniera ma Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-Sindku nforma li dan ix-xogħol ser isir waqt li jkun qed jingħata l-aħħar saff asfalt fi Triq Valletta.

34.06.15 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar ilmenti li kien irċieva dwar numru ta' *drains* minn djar privati li jispiċċaw fuq il-bankini fi Triq George Martin. Is-Sindku nforma li huwa kien involva lill-perit li huwa nkarigat mix-xogħlijiet f'din it-triq però peress li d-*drains* huwa privati, ma jista' jsir xejn min naħa tiegħu.

34.06.16 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar krejn/trakkijiet li qed ikunu ipparkjati fit-tarf ta' Triq Dun Nikol Zammit. Is-Sindku nforma li kull darba li jirrizulta li qed ikun hemm trakkijiet jew krejn mingħajr permess, qed isir rapport lil-Pulizija u kien hemm drabi fejn dan kellu jżarma.

34.06.17 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar sewqan eċċessiv fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill ikompli jsegwi s-sitwazzjoni mill-qrib sabiex naraw x'jista' jsir.

34.06.18 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar siġra fi Triq Ħal Kirkop li qed toħroġ il-barra b'detriment għal min ikun għaddej mill-post. Ġie deċiż li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jiżbru din is-siġra.

34.06.19 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta minn ċekċik minn *culverts* fi Triq San Bażilju fl-inħawi tal-*Youth Centre* . Is-Sindku nforma li l-ħaddiema tal-kuntrattur kienu ser iduru l-*culverts* kollha li kienu parti mill-proġett.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


34.06.20 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar ilma tax-xita li qed joqgħod fi Triq Santa Katerina. Is-Sindku nforma li fil-ġimgħat li ġejjin kien ser isir *culvert* mill-kuntrattur tal-Kunsill sabiex tissolva din il-problema.

34.06.21 Il-Kunsillier Sciberras staqsa lis-Sindku kif konna bqajna dwar l-*issue* tar-restawr tal-inkwatru tal-iskola u s-Sindku wieġeb li l-affari kien ser jieħu ħsiebha s-Surmast.

34.06.22 Il-Kunsillier Sciberras ressaq talba f'isem resident sabiex titbaxxa l-kurduna quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq Valletta sabiex ikun jista' jdaħħal u joħroġ il-vettura mingħajr problemi. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-kuntrattur tal-Kunsill sabiex naraw x'jista' jsir.

34.06.23 Il-Kunsillier Sciberras staqsa lis-Sindku dwar dettalji dwar iċ-ċaqlieq ta' *U-Bar* fi Triq Valletta liema *U-Bar* baqgħet ma ċċaqalqitx. Peress li s-Sindku ma kienx ċert dwar x'kienet it-talba eżatt, ġie deċiż li għandna niċċekkjaw fuqha.

34.06.24 Il-Kunsillier Zaffarese ressaq ilment f'isem xi residenti rigward ilma li qed joqgħod fi Sqaq Nru 1, Triq il-Parrocca u s-Sindku nforma li dan kien ser jitranġa permezz tal-*patching* mill-kuntrattur tal-Kunsill.

34.06 **Ħruġ ta' Offerti**

34.06.01 Is-S.E. informa li konna għadna qed nistennew l-aħħar dokument tal-offerti sabiex inkunu nistgħu noħorġu kollox f'daqqa. Huwa rrimarka li peress li jidher li l-kuntratti l-ġodda taħt ir-Reġjun ser idumu ma jibdew, idealment noħorġu l-offerta tal-*Bulky Refuse* sal-31 ta' Diċembru 2022 bil-possibilità li jiġġedded xahar xahar sakemm kollox jgħaddi għand ir-Reġjun. Dwar dan kien hemm qbil però għandna nikkonfermaw kollox mad-DLG.

34.06.02 Is-S.E. informa li min kien jieħu ħsieb il-preparamenti tal-kuntratti, mhux ser jibqa jagħmel dan ix-xogħol minħabba raġunijiet personali. Ġie deċiż li nkellmu l-AKL sabiex jgħidulna hemmx iktar persuni li joffru dan it-tip ta' servizz.

34.07 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

34.07.01 Is-Sindku issuġġerixxa li jinġiebu l-*quotations* sabiex isiru xogħlijiet fil-ġonna sakemm jibda jaħdem il-kuntratt il-ġdid. Wara diskussjoni ġie deċiż li għalissa jintbagħatu l-ħaddiema tal-Kunsill jaqtgħu il-ħaxix.

34.07.02 Is-S.E. ressaq ilment minn residenta rigward is-sitwazzjoni fit-triq tal-MUSEUM tas-subien. Is-Sindku nforma li kien qed jistenna risposta mingħand is-superjur sabiex il-Kunsill jagħmel 2 *bollards* li jitpoġġew waqt il-ħinijiet tal-lezzjonijiet u li jieħdu ħsiebhom tal-MUSEUM. Il-Viċi-Sindku semmiet illi fil-passat diġa kien hemm din it-talba lill-MUSEUM iżda dawn qatt ma riedu jidħlu fiha sabiex f'każ ta' inċident, huma ma jkunux responsabbli.

34.07.03 Is-S.E. ressaq talba mingħand resident sabiex jitneħħa *handrail* li hemm fuq il-bankina mal-ġenb tal-Knisja li qed jostakola n-nies milli jibqgħu għaddejjin fuq il-bankina. Waqt diskussjoni irriżulta li dan il-*handrail* kien ġie nstallat mill-Kunsill bi qbil mal-Kappillan sabiex jgħin lil min ikollu bżonn biex jidħol fil-Knisja u li kien sar numru ta' snin ilu. Ġie deċiż li nkellmu lill-Kappillan sabiex naraw kif jaħsibha dwar dan il-*handrail*.

34.07.04 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward Għajnuna Finanzjarja – Milied 2021. Is-S.E. informa li peress li konna magħfusa bil-ħin, huwa kien informa lir-Reġjun li l-Kunsill tal-Imqabba kien ser iżejjen il-Pjazza u Triq Karmenu Ciantar u għalhekk kien ser jagħmel talba fuq dawn iż-żewġ siti.

34.07.05 Ċirkulari 11-2001 mingħand id-DLG dwar Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

34.07.06 Korrispondenza SPI.SCI.7.2021 mingħand id-DLG dwar Fond ta' manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern. Il-Kunsill għandu jevalwa din il-korrispondenza sabiex naraw nistgħux napplikaw għal xi fondi taħt din l-iskema.

34.07.07 Korrispondenza SPI.SCI.8.2021 mingħand id-DLG dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'. Il-Kunsill għandu jevalwa din il-korrispondenza sabiex naraw nistgħux napplikaw għal xi fondi taħt din l-iskema.

34.07.08 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar Sistema ta' Permessi *Online* għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

34.07.09 Korrispondenza mingħand il-kuntrattur li kien responsabbli mill-installazzjoni tal-apparat konness mal-WIFI4EU fejn ġejna nfurmati li l-Proġett kien tlesta fiż-żmien stipulat u li l-apparat qed jaħdem kif suppost.

34.07.10 Ċirkulari AKL 2021/117 rigward *Update on status of PA funding with Local Councils*. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

34.07.11 Korrispondenza mingħand l-*iStreet Naming Committee* fejn ġejna nfurmati li l-kumitat kien laqgħa t-talba tagħna sabiex 4 toroq bla isem jingħataw isem u ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza u ġie approvat li jiġu ordnati t-tabelli bl-ismijiet tat-toroq il-ġodda.

34.07.12 Is-S.E. ippreżenta d-disinn li sar mid-*designer* imqabbad mill-Kunsill dwar is-sit madwar il-katakombi. Ġie unanimament deċiż li nitolbu lid-*designer* sabiex jipprepara l-BOQ tal-proġett qabel ma tittieħed deċiżjoni finali jekk jiġix implimentat jew le.

34.07.13 Korrispondenza mingħand il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart fejn ġejna nfurmati li jekk sal-aħħar ta' Novembru ma kienx ser jirċievi l-ħlas dovut lilu minn Marzu li għadda mingħand il-Greenpak, hu kien ser iwaqqaf is-servizz tal-ġbir tal-

iskart riċiklabbli. ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jsegwi l-passi li jmiss flimkien mal-AKL u l-ERA sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm interruzzjoni fil-ġbir tal-iskart riċiklabbli ġewwa r-raħal.

34.07.14 Is-S.E. ippreżenta l-*quotations* li konna rċivejna sabiex isiru 2 *bicycle racks*. Ġie deċiż li naraw jekk dawn jistgħux isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

34.07.15 Is-S.E. ippreżenta l-*quotations* li konna rċivejna sabiex nixtru *trap* u *recovery cage* sabiex jintużaw mill-*feeders* tar-raħal. Il-Kunsillier Zaffarese ser jieħu ħsieb iġib il-qisien li għandna bżonn sabiex nixtru mill-orħos offerta li rċivejna.

**34.08 Rapport Finanzjarju – It-Tielet Kwart Jannar / Settembru 2021**

34.08.01 Peress li kopja ta' dan ir-Rapport kienet tqassmet lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa, dan ġie meqjus bħala moqri u ġie approvat unanimament.

**34.09 Rapport Sotto-Kumitat Tiżjin**

34.09.01 Iċ-*Chairperson* tas-Sotto-Kumitat il-Kunsillier Dingli informa li l-Kunsill kien ħa ħsieb jagħmel *insurance* kif ssuġġerit li għamel kif ukoll saret l-applikazzjoni mal-ARMS għas-servizz tad-dawl temporanju. Ġew ippreżentati l-*quotations* miksuba għall-kiri tad-disinji għall-Pjazza u Triq Karmenu Ciantar u ġie approvat li jintgħażlu l-irħas offerti li kienu ta' Clinton Debono għal €1,180 u €944 rispettivament. Ġie approvat ukoll il-kiri tal-fistun għal Triq Karmenu Ciantar mingħand is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V għall-prezz ta' €200.

**34.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/34**

34.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/34 ġiet approvata unanimament.

34.10.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Ottubru 2021 ġiet approvata unanimament.

**34.11 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

34.11.01 Il-laqgħa ntemmet fid-8:55 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 14 ta' Diċembru fil-5:30 pm

Konfermati illum it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Segretarju Eżekuttiv |